# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 3 ta’ Jannar 2024**

**Rikors numru 704/2023**

**Betway Limited**

**vs.**

**Aleksandra Switalski**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Betway Limited datat 4 ta’ Lulju 2023 li jinsab a fol 48.

Rat ir-risposta tal-Av Sarah Sultana bħala mandataraja ta’ Aleksandra Switalski datata 14 ta’ Diċembru 2023.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha fil-proċeduri.

Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet li trattaw ir-rikors matul is-seduta tat-12 ta’ Diċembru 2023, fejn ġie ddikjarat li (fid-dawl ukoll ta’ dak dikjarat fir-risposta dettaljata tal-intimata) m'hemmx oġġezzjoni għas-sospensjoni eżekuttiva tal-mandat.

Ikkunsidrat:

Permezz ta' din il-proċedura qed tintalab is-sospensjoni tal-mandat ta' sekwestru numru 1357/2023 fl-ismijiet premessi a tenur tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012 tar-Regolament (UE) 1215/2012.

Illi qabel xejn, biex jista' jitħaddem dan l-artikolu hemm bżonn li l-ewwel jintwera li jkun hemm pendenti talba għar-rifjut tas-sentenza skont l-**artikolu 46 tar-Regolament**.

Illi wara li qieset numru ta' deċiżjonijiet li ingħataw qabel dwar pendenzi simili, din il-qorti tqis li Betway Limited, ippruvat li għamlet il-proċeduri appożiti għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi de quo, ai termini tal-artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012, u wkoll li għandha *probabilis causa litigandi*.

Ġaladarba hemm qbil li l-ammont reklamat ġie depożitat biċ-ċedola ta' depożitu msemmija, pendenti l-proċedura mibdija bir-rikors numru 700/2023AB, l-istess Aleksandra Switalski għandha assigurazzjoni li l-ammont reklamat jinsab miżmum taħt l-awtorità tal-qorti, fil-każ li t-talba jkollha eżitu favorevoli għaliha. Dan għaliex, l-ammont kawtelat jinsab depożititat, u b'hekk ifisser li l-intimata, pendenti l-proċeduri istitwiti, għandha moħħu mistrieħ li l-ammont reklamat qiegħed hemm.

Ma jirriżultax li l-premessi fil-kawża de quo għandhom mill-fieragħ, jew li m'għandhomx x'jaqsmu xejn mar-raġunijiet li r-Regolament UE 1215/2012 jipprovdi. Għalhekk, il-qorti tqis illi una volta qed issib illi Betway Limited għandha *probabilis causa litigandi* u *fumus di fondatezza*, ikun f'loku li l-effetti eżekuttivi tal-mandat ta' sekwestru numru 1357/2023, jiġu sospiżi fis-sens li stante dak previst fl-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, pendenti l-proċedura mibdija bir-rikors numru 700/2023AB, din il-qorti tordna li l-ammont depożitat ma jkunx żbankat minn ebda waħda mill-partijiet, ħlief jekk u meta dan ikun ordnat bid-deċiżjoni finali fuq ir-rikors numru 700/2023AB imsemmi.

# Deċide

**Għaldaqstant, bis-saħħa tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti in parti, fis-sens li tissospendi l-effetti tal-mandat ta' sekwestru de quo, b'mod li ebda**

**parti f'dawn il-proċeduri ma tkun tista' tirtira, tiżbanka jew tiġbed ċedoli jew flejjes depożitati fl-atti tal-mandat ta' sekwestru f'dawn il-proċeduri sakemm jiġi deċiż ir-rikors numru 700/2023AB, li hemm bejn il-partijiet.**

**Il-Qorti tordna li jiġi immedjatament mgħarraf ir-Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali b'dan id-digriet sabiex jinnotifika lill-partijiet bih.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**